# Kunsill Lokali L-Imġarr

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011 Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
*www.mgarrlc.com*


## Seduta numru 18 tas-7 Leġislatura
## Illum l-Erbgħa 23 ta' Lulju 2014

**MINUTI**

Il-Membri li jikkomponu is-7 Leġiżlatura tal-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr, iltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv għas-Seduta Numru 18 tas-7 Leġiżlatura tal-Kunsill Lokali Mġarr nhar l-Erbgħa 23 ta' Lulju 2014, fl-Uffiċċju Amministrattiv, fuq din l-aġenda:

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Korrispondenza
3. Kommunikazzjonijiet
4. Rapporti dwar l-aħħar sejħiet għall-offerti - ikompli
5. Sejhiet ghall-offerti godda
6. Progett ta' installazzjoni ta' pajp tal-ilma bejn Bingemma u l-Mellieha
7. Talba lill-Awtorita' tad-Djar dwar Garaxx fi' Triq il-Karamelli
8. Bankina fi' Triq iz-Zebbiegh
9. Petizzjoni mir-residenti ta' Triq is-Sebh
10. Affarijiet Mixxelanji

Kienu preżenti is-Sindku Paul Vella, id-Deputat Sindku Eman Vella, il-Kunsillier Clayton Gauci, il-Kunsillier Mario Sammut, il-Kunsillier Elizabeth Ebejer, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Cyprian Dalli.

Il-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ, Elaine Vella kienet skuzata.

Il-laqgħa tmexxiet mis-Sindku, Paul Vella.

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011   Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
*www.mgarrlc.com*

**1 Minuti**

*Punti mill-Minuti*

dwar punt 2.5 : Is-Sindku informa li il-Kunsill irċieva talba oħra għall-parking bay fi' Triq dun Edgar. Is-sindku informa ukoll li kien tkellelm verbalment mal-persuna li għamel it-talba u wara li ddiskutew is-sitwazzjoni, l-interpellant informa verbalment li ma kienx ser jippersisti bit-talba tiegħu.

1.1 Il-Minuti ġew meqjusa moqrija u wara konsiderazzjoni ġew approvati kif ippreżentati u għalhekk iffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

**Intervent mill-Perit tal-Kunsill dwar il-proġett ta' Wesgħat il-Ġublew**

Hawnhekk, il-perit tal-Kunsill, Etienne Magri, intalab jagħmel intervent biex jispjega l-aħħar żvilluppi tal-proġett tal-pkaying field f' Wesgħat il-Ġublew.

Il-Perit spjega li mir-rispost li il-Kunsill ingħata mingħand il-kumpanija Al Hag, joħroġ ċar li il-cradle-swing proposta hija skond il-kriterji stabiliti tal-KMDP. Ukoll, li il-wetpour kien qed jiġi propost għall-wiċċ kollu u mhux biss taħt iz-zoni tal-equipment biss.

Wara dan, il-Kunsill iddiskuta dawn l-iżvilluppi u qabel unanimament li il-proposti tal-Al Hag huma l-aktar finanzjarjament viabbli u li huma l-eqreb lejn l-ispeċifikazzjonijiet mitluba mill-Kunsill fid-dokumentazzjoni tas-sejħa.

Għaldaqstant, kienet ser tissejjaħ laqgħa mal-Al Hag biex issir diskussjoni u preferibbilment issir ukoll on-site inspection.

**Stqarrija mill-Kunsilliera Clayton Gauci u Elizabeth Ebejer**

Qabel ma tkompliet is-seduta, il-Kunsilliera Clayton Gauci u Elizabeth Ebejer talbu li jressqu stqarrija konġunta għall-attenzjoni tal-Kunsill.

L-istqarrija ikkritikat id-deċiżjoni tal-Kunsilliera l-oħra meta dawn allegatament sejħu laqgħa dwar il-Bring In Sites fi' Triq San Pietru fil-Każin Nazzjonalista tal-lokal. Dan il-fatt ġie imsemmi fuq il-paġna ta' facebook tal-Kunsill.

Is-sindku flimkien mal-Kunsilliera l-oħra taw l-interpretazzjoni tagħhom tal-ġrajjiet u spjegaw li ma' kinitx l-intezzjoni ta' l-ebda membru tal-Kunsill li jeskludi lill-xi membru ieħor minn dan il-proċess.

Finalment, il-Kunsilliera ftehmu li fil-futur, dawn it-tip ta' sitwazzjonijiet għandhom jiġu evitati kemm jista' jkun.

**Kunsill Lokali L-Imġarr**
22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011 Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
*www.mgarrlc.com*

## 2 Korrispondenza

2.1 Ġew innuttati diversi memos mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

2.2 Ġew innuttati diversi korrispondenzi u notifikazzjonijiet mingħand il-MEPA.

2.3 Talba mingħand Tomabnina biex ikun hemm 'live-music' quddiem dan l-istabilliment. il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni, imma qabel ser jiddiskuti mal-pulizija tal-Mosta.

## 3. Komunikazzjonijiet

3.1 Paul Vella ressaq mozzjoni dwar proċeduri tal-permessi tal-gabbani tal-festa, li tinkludi :

- ma jinħarġux permessi ġodda għall-gabbani;
- jekk xi ħaġa ma jarmax ma ħadd minfloku;
- il-permess jintilef jekk ma jitħallasx;

3.2 Din il-mozzjoni ġdid issekondata minn Clayton Gauci u kien hemm qbil unanimu dwarha.

## 4. Rapport dwar l-aħħar sejħiet għall-offerti

4.1 Dan il-punt ġie diskuss aktar qabel waqt l-intervent tal-perit tal-Kunsill aktar 'il fuq.

## 5. Sejhiet ghall-offerti godda

5.1 Il-Kunsill iddiskuta sejħiet ġodda ta' offerti u kwotazzjonijiet minħabba. Għaldaqstant, il-Kunsill iddiskuta u qabel li joħroġ dawn is-sejħiet:

- **TENDER MGR 2014/05**
  Forniment u Twassil fuq il-post ta' Konkos għall-proġett taħt il-Miżura 125 tal-Programm tal-Iżvillupp Rurali għal Malta - Prezz €50.00

- **TENDER MGR 2014/06**
  Vann 'Second-Hand' Diesel, għall-7 persuni
  Prezz €50.00

L-offerti ssiġġilati għall-dawn iż-żewġ sejħiet għandhom jaslu għand il-Kunsill sa' nofs in-nhar tal-Erbgħa 27 ta' Awwissu 2014, fil-bini tal-Uffiċċju Amministrattiv, 22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr.

- **KWOTAZZJONI MGR 2014/K1**
  Akkomodazzjoni fuq bazi 'sharing' għall-32 parteċipant ta' Programm ta' Skambju taż-Żgħażagħ bejn il-15 u it-22 ta' Awwissu (7 iljieli);

- **KWOTAZZJONI MGR 2014/K2**
  Forniment ta' Catering (breakfast, lunch u dinner) għall-32 persuna bejn il-15 u it-22 ta' Awwissu (7 iljieli).

  L-offerti ssiġġilati għall-dawn iż-żewġ sejħiet għall-Kwotazzjonijiet għandhom jaslu għand il-Kunsill sa' nofs in-nhar tal-Ġimgħa 25 ta' Lulju 2014, fil-bini tal-Uffiċċju Amministrattiv, 22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr.

**6. Progett ta' installazzjoni ta' pajp tal-ilma bejn Bingemma u l-Mellieha**

6.1 Is-Sindku informa li kien ġie mgħarraf mill-Water Services Corporation li kienet ser tagħmel proġett biex twassal l-ilma minn Binġemma għall-Mellieħa. Għaldaqstant, il-Kunsill kien qed jiġi mitlub sabiex jikkoopera ma' dan il-proġett.

6.2 Il-Kunsill iddiskuta u ddeċieda li tinħareġ 'no objection' għax-xogħlijiet li ser isiru fit-toroq tal-Kunsill, dejjem bil-kunizzjonijiet rilaxxati mill-Kunsill.

6.3 Dan il-proġett hu maħsub li jsir bejn Awwissu u Ottubru 2014.

**7. Talba lill-Awtorita' tad-Djar dwar Garaxx fi' Triq il-Karamelli**

7.1 Wara li il-Kunsill kien għamel talba lill-Awtorita' tad-Djar sabiex jakkwista garaxx numru 53 fi' Triq il-Karamelli, u wara li il-Kunsill bgħat diversi drabi biex jinforma ruħu fejn kien wasal dan il-proġett, is-Segretarju Eżekuttiv informa li kien irċieva korrispondenza mingħand l-Awtorita' li il-garaxx in kwistjoni jinsab għad-disposizzjoni tal-Kunsill għall-kera fis-sena.

7.2 Il-Kunsill laqa' b' sodisfazzjoni din il-kommunikazzjoni u qabel unanimament li kien ser jaċċetta din il-proposta. Is-Segretarju Eżekuttiv kien ser jagħmel il-passi neċċessarji sabiex dan il-ftehim jiġi konkluż.

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011   Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
*www.mgarrlc.com*

**8. Bankina fi' Triq iz-Zebbiegh**

8.1 Il-Kunsill iddiskuta il-proġett li qed isir minn Transport Malta, li permezz tiegħu qed tiġi instalata bankina tul Triq iż-Żebbiegħ.

8.2 Il-Kunsill innota id-diversi ilmenti li beda' jirċievi mingħand ir-residenti. is-Segretarju Eżekuttiv ta' rendikont tal-korrispondenza kollha li ntbgħatet lill-TM bl-ilmenti tan-nies u residenti kif ukoll proposta biex dan ix-xogħol jieqaf. Madanakollu ix-xogħol tkompla.

8.3 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kien talalb aktar minn darba li ssir laqgħa urġenti ma' TM, u li wara diversi tentattivi, din saret dak in-nhar stess ta' din is-seduta. Preżenti għall-din il-laqgħa kien hemm is-Segretarju Eżekuttiv, id-Deputat Sindku Eman Vella, il-Kunsillier Mario Sammut u l-Perit Susanna Bonello. Fiha il-perit informa li dan il-proġett kien jifforma parti mill-proġett ta' żebra crossing li kien talab għaliha il-Kunsill fl-2010 u li kien ġie approvat fl-2011. Ir-rappreżentanti tal-Kunsill infurmaw li ma setgħux jinjoraw l-ilmenti tar-residenti u għalhekk kien hemm bżonn li tinstab soluzzjoni immedjata. Wara diskussjoni, is-Segretarju informa li kien ser irressaq il-każ quddiem il-Kunsill waqt is-seduta tal-istess jum, u li kien ser jinforma lill-TM bid-deċiżjoni.

8.4 Għaldaqstant, il-Kunsill iddiskuta dan il-proġett kif ukoll id-diversi ilmenti imressqa. Wara dan il-Kunsill unanimamemt qabel TM tintalab li twaqqaf dan il-proġett immedjatament u li jiġi rranġat it-tħaffir fit-triq li diġa' sar.

**9. Petizzjoni mir-residenti ta' Triq is-Sebh**

9.1 Is-Segretarju Eżekutttiv ressaq petizzjoni iffirmata mir-residenti ta' Triq is-Sebħ fejn fiha kien hemm numru ta' proposti għall-din it-triq, ewlenija fosthom li din it-Triq issir One-Way.

9.2 Il-Kunsill iddiskuta din il-proposta u qabel li jagħmel talba lil Transport Malta sabiex din it-Triq issir One-Way.

**10 Affarijiet Mixxelanji**

10.1 Is-Sindku informa li kien qed jipproponi li ssir laqgħa ma' Direttur Ġenerali tax-Xogħlijiet tal-Gvern, is-Sur Raymond Farrugia, il-Kunsill tal-Imġarr, il-Gaia Foundation u l-MEPA dwar il-passaġġ li jwassal għall-bajja ta' Riviera. Il-Kunsill qabel u se jsiru l-arranġamenti dwar dan.

**Aġġornament**

Is-Seduta ntemmet fis-7.30pm u ġiet aġġornata għall-Erbgħa 27 ta' Awwissu 2014.

***Cyprian Dalli***
Segretarju Ezekuttiv

***Paul Vella***
Sindku